# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 27 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 35.**
**Citazz. Nru. 961/00 JRM.**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**1 Anthony u Josephine mizzewgin Vella, u**

**2. Andrew u Maria Victoria mizzewgin Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 23 ta' Ottubru 1987, in atti Nutar Dottor Carmelo Lia (Dok "A") is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Overdraft Facility' lill-konvenut Anthony Vella;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Anthony Vella fis-somma ta' ghaxart elef, hames mija u hames liri maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm10,505.31) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Anthony Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B40') flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt datat 23 ta' Ottubru 1987, in atti Nutar Dottor Carmelo Lia (Dok "A") u f'skrittura privata datata 23 ta' Ottubru 1987 (Dok 'C"), il-konvenut Andrew Vella, ggarantixxa flimkien u "in solidum" ma' Anthony Vella, ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Anthony Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' elfejn liri maltin (Lm2,000.00);

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 11 ta' Novembru 1999 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "D" u Dok "E", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lil Anthony u Josephine mizzewgin Vella jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, hames mija u hames liri maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm10,505.31) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Anthony Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B40") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;
2. Tikkundanna lil Andrew u Maria Victoria mizzewgin Vella jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn liri maltin (Lm2,000.00) bilanc ghad-debitu fl'"Overdraft Accounts" ta' Anthony u Josephine mizzewgin Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B40") flimkien

mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 11 ta' Novembru 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** kif dedotti fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tikkundanna lil Anthony u Josephine mizzewgin Vella jhallsu lis-socejta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, hames mija u hames liri maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm10,505.31) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Anthony Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B40") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament; u

2 Tikkundanna lil Andrew u Maria Victoria mizzewgin Vella jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn liri maltin (Lm2,000.00) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Accounts" ta' Anthony u Josephine mizzewgin Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B1 sa B40") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 11 ta' Novembru 1999 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid, kontra l-konvenuti.

*27 t' Ottubru, 2000.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**27, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**27, t'Ottubru, 2000.**